MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru 582/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**Joseph Friggieri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Friggieri ta' 38 sena, bin Joseph u Lucy nee Mercieca, imwieled Attard fil-25 ta' Marzu 1966 u li joqgħod Sun Dream Flat 2A Triq it-Turisti Buġibba u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 201766 (M)

Akkużat talli:

2. Fil-25 ta'Lulju 2004 u fi żminijiet qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-

istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' €15678( Lm6700) bi ħsara ta' Emanuel Mifsud.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess, il-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2017 tas-sena 1966, ir-riċevuta li turi li l-Economic Crime Unit kien ħa l-mobile Samsung minn għand l-imputat (liema mobile kien rilaxxjat lill-imputat fit-12 ta'Novembru 2004 wara talba mid-difiża mhux opposta mill-Prosekuzzjoni (fol 13), l-istqarrija tal-imputat a fol 23, il-verbal tas-17 ta' Diċembru 2004 li fih id-difiża eżantat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda li diġa' kienu nstemgħu (fol.35), il-verbal li fih id-difiża kkonferamt dak li talab l-Avukat Ġenerali fir-rekwiżit (ċ), il-verbal li fih il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-provi huma magħluqa (31 ta' Jannar, 2007), il-verbal li fih sari l-qari al-artikoli (fol.83) , il-verbal li fih l-imputat ma sab ebda oġġezzjoni li jibqa' quddiem din il-Qorti u li l-każ jinstema' bi proċedura sommarja u f'liema verbal kien verbalizzat li l-kawża kienet differita għall-provi difiża (23 ta' Mejju 2007) (fol.83);

4. Rat il-verbal tat-8 t'Otubru 2008 li fih dehru kemm l-uffiċjal prosekutur kif ukoll l-imputat f'liema verbal kien verbalizzat li l-kawża kienet qed tiġi differita għas-7 ta' Jannar 2008 għall-provi difiża għall-aħħar darba;

5. Rat il-verbal tas-7 ta' Jannar 2004 fejn is-sentenza tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidrat

6. Skond ix-xhud tal-Prosekuzzjoni PS 130 Ivan Cilia, kienet waslet kwerela għand il-Pulizija li l-imputat kien iddefroda lil ċertu Emanuel Mifsud is-somma ta' madwar Lm6000 (€14040). L-imputat kien ipperswadu lil dan

Emanuel Mifsud li kein ]a jintervjeni g]alih `ertu Dr.Peter Borg Costanzi biex jiġborlu xi flus li kienet ħaditly persuna oħra. (Fol.15). Huwa talab lil Emmanuel Mifsud is-somma ta' Lm1500 (€3510). Wara rċieva telefonata u l-imputat ta' Lm3500 (€8190) oħra lill-imputat. (Fol.16). Emmanuel Mifsud imbagħad qal li rċieva telefonati minn nies distinti oħra u dawn kollha bdew jgħidlu li ser jibagħtu lill-imputat u kellu jagħtih aktar flus. B'kollox Emmanuel Mifusd għadda Lm6700 (€15678) lill-imputat.

7. L-imputat ta numru tat-telefon u qal li dan in-numru kien tal-Maġistrat Dr.Dennis Montebello u qal lil Mifsud biex jekk ikollu bżonnu jċempillu hemmhekk. Dan it-telefon huwa filfatt tal-imputat innifsu.

8. Mill-uffiċju tiegħu, ix-xhud qabbad lil Mifsud iċempel fuq in-numru tat-telefon u Mifsud staqsa jekk hemmhekk kienx tal-Maġistrat Montebello. Min kien qed iċempel minn għalih qed iċempel lil Emmanuel Mifsud waqt li fil-fatt kien qiegħed iċempel lix-xhud u x-xhud għaraf il-vuċi.

**L-Istqarrija tal-imputat**

9. Fl-istqarrija tal-25 ta' Lulju 2004 l-imputat ammetta li kien talbu xi flus biex jirranġalu fuq flus li Mifsud kellu jieħu minn għand Toni Ellul tal-Marsa. Ammetta wkoll li:

a) Kien ippoża ta' Dr.Peter Borg Costanzi biex iżid il-flus;
b) Ikkonferma n-numri tat-telfon;
ċ) Li hu kien ippoża ta' Dun Victor Grech u Dr.Borg Costanzi
d) Li kemm-il darba gideb biex iġib skuża ħalli Mifsud jagħtih aktar żmien ħalli jġib il-flus (fol.234)
e) Li rċieva s-somma ta' Lm6700 (€15678) wara li ppoża li hu kien ċertu persuni.

10. Emmanuel Mifsud xehed li hu kien ta lill-imputat Lm6700 (€15678) lill-imputat sabiex l-imputat jgħinu jdaħħal flus li kellu Mifsud kellu jieħu minn għand persuna oħra. L-imputat kellu juża s-servizzi ta' Dr.Peter Borg Costanzi u għalhekk beda jagħtih xi pagamenti ħalli l-

imputat seta' jgħaddihom. Fl-aħaħr beda jgħidlu li l-Maġistrat Montebello kellu jirranġa kollox. Lix-xhud kienu jċemplulu nies li jippużaw ta' Maġistrati (fol 30) u kienu jgħidulu li sejrin iġibulu l-flus (permezz tal-sag) u joqgħod jIstenna għalxejn. Friggieri kien tah numru tat-telefon u hu kien iċempel fuqu. Barra s-Lm6700 huwa kien tah Lm500 oħra. (Fol.32.

11. L-ex-Ispettur Joseph Cordina ikkonferma n-numru tat-telefon kif intalab mill-Avukat Ġenerali – 79020992 –ġli hu l-istess numru msemmi fl-istqarrija magħmula mill-imputat. (Fol.51).

12. Minħabba l-pożizzjoni professjonali tiegħu, Dr.Peter Borg Costanzi ma kienx f'pożizzjoni li jixhed. (fol51 sa 55).

13. Xehed il-Maġistrat Dr.Dennis Montebello li qal li qatt ma kien iltaqa' mal-imputat u ma kienx jaf min hu Emmanuel Mifsud.

14. Xehed il-Maġistrat Dr.Joseph Apap Bologna li qal li la kien jaf lill-imputat u lanqas lil Emmanuel Mifsud.

15. Xehed ukoll Monsinjur Dun Victor Grech li qal li ma jidhirlux li qatt iltaqa' mal-imputat u lanqas qatt kellmu fuq it-telefon. Lanqas ma kien għamel telefonata għan-nom tiegħu.

16. Fit-23 ta' Mejju 2007 inqraw l-artikoli (fol 83) li jinsabu a fol.47.

17. Id-difiża ma tellgħetx provi għalkemm ingħatat ċans biżżejjed biex tagħmel dan..

18. L-Avukat Ġenerali ta dawn l-artikoli:

18, 308, 309 u 310 tal-kap 9.

19. Jirriżulta mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Emmanuel Mifsud li huwa kien ħa s-somma ta' Lm6700 minn għand Emmanuel Mifsud kif jidher fl-

imputazzjoni. L-imputat ma nnegax li kien jippoża ta' Dr.Peter Borg Costanzi u Dun Victor Grech fuq it-telefon ma' Emmanuel Mifsud. Jirriżulta wkoll li dan seħħ iktar minn darba.

**Punt Legali**

20. Kif kkwotat (mis-sentenza tat-12 ta' Frar 1999 – Il-Pulizija versus Anthony Francis Willoughby) il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Carmela German' (Il-Prim Imħallef Dr.Vincent Degaetano):

***'Fil-liġi tagħna biex ikun hemm truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiix tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent (Il-Pulizija versus Emmanuele Ellul, App Krim 20/6/97; ara wkoll il-Pulizija vs Daniel Frendo App.Krim 25/3/94). Dan itt-elf ħafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma , propju għax tkun ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent (Il-Pulizija versus Carmel Cassar Parnis app;Krim.12/12/59, VolXLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina tissejjaħ mise en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara fost oħrajn 'Il-Pulizija versus Carmelo CAssar Parnis, App.Krim.31/10/59 VolXLIII.IV 1137; Il-Pulizija versus Francesca CAruana App.Krim.25/7/53 Vol.XXXVII.IV.1127 u Il-Pulziija versus Giuseeppe Schrainer App.Krim.3/3/56).[1]***

21. Skond l-istess sentenza il-gidba sempliċi tista' twassal għar-reat ta' frodi innominata basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għall-qerq (Artikolu 309) tal-Kap 9

[1] Ara wkoll 'Il-Pulizija versus George Manicolo'. 31 ta' Lulju 1998.

22. Sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (10 ta' Lulju 1998 a fol.226) fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Alfred Custo', il-Qorti qalet hekk:

***'Sabiex ikun hemm ir-reat ta' truffa, taħt in-nomenklatura ta' escroquerie. Jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi parole menzogniere iżda anke l-mise en scene li tagħti kreditu li dawk il-kliem ta' gideb u ngann. Huwa neċessarju għalhekk li jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.'***

23. Ex-admissis, l-imputat mhux biss gideb meta qal li xi persuna kienet tista' ssib tarf il-problema li Emmanuel Mifsud kien daħal fiha minħabba li ħadd ieħor ma raddx lura s-self, iżda wkoll (l-imputat), kif ammetta huwa stess fl-istqarrija, ippoża ta' persuni oħrajn. Dan kien l-ingann jew il-mise en scene li bih l-imputat qarraq b'Emmanuel Mifsud. Għalhekk jissusisti r-reat fl-imputazzjoni kemm taħt l-artikolu 308 kif ukoll taħt l-artikolu 309 tal-Kap9. Għalhekk l-imputat huwa ħati li kiser l-artikoli 18 (għaliex huwa rrepeta l-azzjonijiet tiegħu), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9.

**Konklużjoni**

24. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28A,308, 309, 310(1)(a) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Barra dan, l-imputat irid irodd lura €15678 lill-vittma fi żmien sitt xhur mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9. Il-Qorti wissiet lill-imputat ukoll li jekk jonqos li jagħmel dan japplikaw is-subinċiżi (4)(5) tal-artikolu 28H tal-Kap 9 u l-konsegwenzi jekk iwettaq xi reat ieħor fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------